**L-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI**

**PREZENTAZZJONI**

Għan ewlieni ta' l-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI (IFP) joħrog mill-fatt li l-Knisja f'Malta, fil-ħidma tagħha ta' evanġelizzazzjoni, tagħraf bħala impenn urġenti l-formazzjoni tal-membri tagħha. Is-sejħa li ħarġet mis-Sinodu Djoċesan turi biċ-ċar waħda mill-ikbar sfidi li għandha quddiemha l-Knisja f'Malta bħalissa hija dik li tipprepara nsara għall-ħtiġijiet veri tar-realtà soċjali kif inhi llum.

Fid-dawl ta' dan kollu ngħata bidu għat-twaqqif ta' l-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI li l-għan ewlieni tiegħu hu li jipprovdi formazzjoni ħolistika kif meħtieġa lill-membri kollha tal-komunita` kattolika f'Malta.

Permezz ta' l-IFP, il-Knisja trid ukoll toffri spazji formattivi għal dawk il-kategoriji u gruppi fis-soċjetà li, għalkemm mhumiex direttament impenjati pastoralment, iħossu l-ħtieġa li fit-twettiq tal-ħidma jew tal-professjoni tagħhom jagħmlu konfront kontinwu u profond mal-messaġġ ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu.

L-IFP għalhekk irid jipprovdi formazzjoni ħolistika kif meħtiega lill-membri kollha tal-komunità kattolika f'Malta. Fl-isforz sabiex tissaħħaħ l-identità ta' din il-komunità ta' aħwa, l-Istitut irid: joffri opportunitajiet ta'

(a) formazzjoni permanenti,

(b) ta' esperjenzi spiritwali,

(ċ) jippromwovi l-formazzjoni professjonali ta' l-operaturi pastorali għat-twettiq tal-ministeri u tal-ħidmiet tagħhom, u

(d) kif ukoll jipprovdi esperjenzi ta' djalogu mas-soċjetà Maltija.

Ghaldaqstant, saret ħafna ħidma biex jitwaqqaf dan l-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI kif gej:

1. Matul is-sena 2005, intagħżel Rev. Dr. Fabio Attard SDB bħala l-ewwel direttur.
2. Fix-xahar ta' Lulju 2005 twaqqaf il-Bord li jgħin lid-Direttur fit-tmexxija ta' l-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI. Dan il-Bord beda l-ħidma tiegħu fil-bidu ta' Awwissu 2005. Il-membri ta' dan il-Bord huma: Rev. Dr Fabio Attard SDB, D.D., Sr Marie Scicluna RCSJ, MA, Rev. Dr Joe Galea Curmi S.Th.D. (Lat.), Dr Adrian Gellel D.Sc.Ed. (UPS), Rev. Dr Mark Sultana S.Th.L., Ph.D. (Greg.), Ms. Bianca Chircop BA (Social Work), P.G.Dip. (Family Therapy).
3. Saru laqgħat ma' diversi entitajiet fil-Knisja, fosthom is-Segretarjati u l-Kummissjonijiet tal-Kurja Djoċesana, l-Istituti ta' l-Ispiritwalità mmexxijin mir-Reliġjużi, u l-Fakultà tat-Teoloġija. Matul dawn il-laqgħat saret diskussjoni dwar l-identità u l-ħidma proposta mill-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI.
4. L-ewwel prijorità tal-Bord kienet li tiġi fformulata ċ-*Charter* li tindika b'mod sempliċi l-viżjoni u l-missjoni ta' l-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI: liema huma l-linji li fuqhom se jimxi, l-istrutturi li se jgħinu b'mod siewi t-twettiq tal-ħidma tiegħu. Il-linji ġenerali ta' din iċ-*Charter* jirriflettu il-mandat tas-Sinodu Djocesan.

5. F’April 2008 intagħżel Rev. Dr Mark Sultana bħala direttur ta’ l-IFP wara li Fr Fabio Attard ġie elett kunsillier ta’ l-Ordni Sależjan.

## ĦIDMIET LI SARU MATUL DAWN IT-TLETT SNIN

Matul dawn l-aħħar tlett snin ta’ ħidma saru diversi inizjattivi kif gej:

### A. Korsijiet

i. Tfasslet il-proposta tal-*leadership course* għall-lajċi *leaders* fi ħdan il-movimenti u l-għaqdiet. Din il-proposta li ġiet milqugħa tajjeb ħafna, diġà ġiet offruta darbtejn. Il-ħsieb huwa li dan l-ewwel stadju jkun komplut b’żewġ livelli oħra ħalli tinħoloq dejjem aktar l-ideja ta’ *on-going formation*.

ii. Fil-kamp taż-żgħażagħ u l-adolexxenti offrejna diversi proposti. F’kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ) u l-Fakultà tat-Teoloġija għat-tieni darba ġie offrut il-kors *Certificate in Youth Ministry*. Din is-sena, għal dawk li ma kellhomx l-opportunità li jsegwu dan il-kors intensiv, f’kollaborazzjoni mal-KDŻ u Segretarjat tal-Katekeżi ġie offrut il-kors *Short Certificate Course in Adolescent and Youth Ministry*. Iż-żewġ proposti huma ferm apprezzati mill-parteċipanti li qed isegwuhom.

iii. F’kollaborazzjoni maċ-Ċentru Spiritwalità Injazjana (ĊSI) qed isir kors ta’ tlett snin dwar id-direzzjoni spiritwali. L-esperjenza tac-ĊSI f’dan il-qasam u l-kollaborazzjoni ma’ l-IFP qed iwasslu għal proposta bżonnjuża u apprezzata f’dan is-settur.

iv. Flimkien maċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja qed jigi offrut kors ta’ sitt *modules* dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja. Il-format ta’ dan il-kors u l-kontenut li fih, qed jagħmluha iktar faċli għal min jixtieq jesplora dan is-settur biex ikun aktar midħla tat-tagħlim soċjali tal-Knisja. Hija proposta li qed tilħaq persuni li huma mixtieqa li jagħmlu mpatt nisrani serju fil-kamp fejn qed jaħdmu.

v. Fis-sena 2007 l-IFP gie mitlub biex joffri kors ta’ formazzjoni lill-membri mexxejja tac-Ċenakoli fi ħdan il-*Youth Fellowship*. Il-kors, *Short Certificate in Evangelisation and Catechesis*, qed ikun ferm apprezzat mill-parteċipanti u għall-IFP hija esperienza ġdida li permezz tagħha qed ikun strument u opportunità ta’ formazzjoni fuq firxa dejjem iktar wiesgħa.

### B. Seminars

i. Għal dawn l-aħħar tlett snin, f’kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-CARITAS, saru *seminars* għall-membri professjonali u dawk impenjati fl-amministrazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tad-djakonija. Dawn is-*seminars* kellhom l-iskop li jgħatu dawl nisrani lil ħidma professjonali.

ii. Flimkien mas-Segretarjat Ħidma Parroċċi, qed ikunu offruti kull sena żewġ seminars ghall-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali (KPP). Is-sena l-oħra żidna wkoll l-idea li l-konferenzi li jinghataw jitqassmu f’forma ta’ sussidju li fuqu l-KPP jistgħu jkomplu r-riflessjoni tagħhom matul is-sena.

iii. Mas-Segretarjat tal-Kleru u tal-Ħajja Konsagrata l-IFP offra tlett *seminars* għal dawn l-aħħar sentejn li matulhom is-saċerdoti u r-reliġjuzi jkollhom spazju ta' riflessioni u qsim ta' idejat. Kienet esperjenza li ġiet meqjusa bħala posittiva minn dawk kollha li attendew għaliha. It-temi ta' dawn is-*seminars* u tas-*seminars* tal-KPP huma mfassla b'mod li tigi offruta proposta unitarja madwar suġġett komuni. Din is-sena huwa dak tad-dixxerniment.

## Ċ. Laqgħat Pubbliċi u Formazzjoni Informali

i. L-IFP ħaseb biex joffri sussidji formattivi għall-ħruġ tal-film *Da Vinci Code*. Barra *round table conference*, konferenza stampa, u parteċipazzjoni fi programmi televiżi u fuq ir-radju. Ġew stampati 20,000 manwal bl-Ingliż u 130,000 sussidju bil-Malti li tqassmu mar-rivista *Flimkien* jew, fejn din ma tasalx, permezz tal-parroċċi.

ii. L-Istitut għandu l-missjoni li joffri spazji ta' Djalogu mas-Socjetà. Tul dawn l-aħħar sentajt saru żewġ sensiela ta laqgħat. L-ewwel waħda kienet dwar l-Identità tal-komunità Kattolika f'Malta. Filwaqt li fit-tieni ġie diskuss it-tema ta' L-ambjent. Apparti laqgħat publiċi saru diversi laqgħat ma' esperti fis-suġġett, publikazzjoni ta' artikli f'ġurnali lokali, preparazzjoni ta' paper akkademika, kif ukoll esperienza ta' djalogu bejn l-Isfqijiet u l-kelliema.

## D. Kollaborazzjoni ma' enti oħra u proġettazzjoni formattiva

i. Kien hemm kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teologija, sabiex ikunu offruti l-korsijiet tal-*Masters in Spirituality* u *Masters in Spiritual Companionship*. Ta' min iżid li, fil-*Masters in Spirituality*, sar kuntatt ma' ordnijiet u kongregazzjonijiet differenti biex joffru *streams* speċjalizzati ta' spiritwalità. Fil-fatt se tkun offruta l-ispecjalizżazzjoni ta' *Carmelite Spirituality*.

ii. F'kollaborazzjoni bejn l-IFP, KDŻ u Segretarjat Katekezi qed tiġi formulata mappa ta' formazzjoni fil-kamp tal-*Youth Ministry*. Din il-mappa tispeċifika l-livelli different ital-misisteru fil-ħidma maż-żgħażagħ kif ukoll l-*attainment levels* tal-ministri. Fix-xhur li gejjin din se tkun ipprezentata lill-Isqfijiet ghall-konsiderazzjoni taghhom.

iii. Fil-kamp tal-familja bħalissa qed isiru diskussjonijiet biex noffru korsijiet ta' formazzjoni li jħejju lil dak li jkun għall-ministeru fil-qasam tal-familja. Fuq linji simili għall-kamp tal-*youth ministry*, nixtiequ nipproċedu għall-viżjoni simili fil-kamp tal-*family ministry*. Hawnhekk, il-kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teoloġija, mal-Moviment ta' Kana u mal-Kummissjoni Djoċesana Familja (KDF) hija pożittiva ħafna u nemmnu li se tħalli l-frott mixtieq.

iv. Flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral qed nħejju program ta' Djalogi u ta' Formazzjoni għall-professjonisti, politiċi u persuni fil-qasam finanzjarju u mprenditorjali.

**PROPOSTI GĦAL HIDMIET FUTURI**

Matul is-sentejn 2009 – 2011, l-IFP qiegħed jimpenja ruħu f'dawn il-proposti formattivi li wħud minnhom huma ġodda waqt li oħrajn huma tkomplija ta' programmi formattivi li diġà nbdew fis-snin ta' qabel.

a. Bħalma saru għal dawn l-ahhar tlett snin, f'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-CARITAS, se jkomplu jsiru *seminars* għall-membri professjonali u dawk impenjati fl-amministrazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tad-djakonija.

b. Il-proposta tal-*leadership course* għall-lajċi *leaders* fi ħdan il-movimenti u l-għaqdiet ġiet milqugħa tajjeb ħafna, tant li diġà ġiet offruta darbtejn. Il-hsieb huwa li dan l-ewwel stadju jkun komplut b'zewg livelli oħra ħalli tinħoloq dejjem iktar l-ideja ta' *on-going formation*.

c. Flimkien mas-Segretarjat Hidma Parrocci, l-IFP se jkompli joffri kull sena żewġ seminars ghall-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali (KPP).

d. Mas-Segretarjat tal-Kleru u tal-Ħajja Konsagrata, l-IFP se jkompli joffri *seminars* li matulhom is-saċerdoti u r-reliġjuzi jkollhom spazju ta' riflessioni u qsim ta' idejat. It-temi ta' dawn is-*seminars* u tas-*seminars* tal-KPP ikunu mfassla b'mod li tiġi offruta proposta unitarja madwar suġġett komuni. Is-sena d-dieħla se nirriflettu fuq *community building*.

e. Fil-kamp taż-żgħażagħ u l-adolexxenti, l-IFP se jkompli joffru diversi proposti. F'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Djocesana Zghazagh (KDZ) u Segretarjat tal-Katekeżi qed jiġi offrut il-kors *Short Certificate Course in Adolescent and Youth Ministry*. Il-ħsieb huwa li fil-futur l-Fakultà toffri *Masters in Youth Ministry* u *Masters in Family Ministry*.

f. Fil-kamp tal-familja bhalissa qed isiru diskussjonijiet biex noffru korsijiet ta' formazzjoni li jhejju lil dak li jkun ghall-ministeru fil-qasam tal-familja.. Hawnhekk, il-kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teologija, mal-Moviment ta' Kana u mal-Kummissjoni Djoċesana Familja (KDF) hija pożittiva ħafna u nemmnu li se tħalli l-frott mixtieq.

g. F'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Spiritwalità Injazjana qed isir kors ta' tliet snin dwar l-ispiritwalità u d-direzzjoni spiritwali *Certificate in Spirituality and Spiritual Direction*. L-esperjenza tac-CSI f'dan il-qasam u l-kollaborazzjoni ma' l-IFP qed iwasslu għal proposta bżonnjuża u apprezzata f'dan is-settur.

h. Flimkien maċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja l-IFP qed joffri kors ta' sitt *modules* dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja. L-IFP jixtieq jiżviluppa din il-proposta, f'kollaborazzjoni mal-*Professional Ethics Programme* tal-Fakultà tat-Teoloġija billi joffri wkoll korsijiet aktar speċjalizżati maħsuba għal dawk li jaħdmu fil-qasam ekonomiku.

i. Djalogi fis-Socjetà: esperienza ta' djalogu li qed tkun apprezzata. It-tama hija li din tkompli tizviluppa f'esperjenza ta' djalogu u smigh li turi l-identità ta' Knisja.

j. L-IFP se jkompli joffri kors ta' formazzjoni *Certificate in Evangelisation and Catechesis*, li ntalab inizjalment mill-membri mexxejja tac-Cenakoli fi hdan il-*Youth Fellowship*. Qed jinħaseb biex dan il-kors jigi offrut fuq il-livell ta' parroċċi u jkun immirat ghal dawk li qed imexxu gruppi fil-parroċċi tagħna.

k. F'kollaborazzjoni mal-*Kummissjoni Ġustizzja u Paci* nimpenjaw ruħna li niżviluppaw xi

inizzjattivi li joħolqu spazju ta' djalogu u riflessjoni – kif ukoll servizz ta' formazzjoni nisranija specjalizzata – ghal dawk involuti fil-qasam tal-politika.

l. F'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għall-Katekeżi, f'Ottubru 2009, għandu jinbeda *Short Certificate Course in Theology*. Il-kors ikun mifrux fuq sentejn u jagħti introduzzjoni ġenerali fuq it-tagħlim tal-Bibbja u fuq temi magħżula mix-xjenzi Teoloġiċi.

m. F'kollaborazzjoni ma' l-Ufficcju Missjunarju u maċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja ser isir *Short Certificate Course in Missiology* għal dawk li jixtiequ jagħmlu esperjenza missjunarja jew ta' voluntarjat.

## KONKLUŻJONI

Nemmnu li bħala IFP fi żmien tliet snin irnexxielna nilħqu ħafna mill-miri li poġġejna quddiemna. L-impenji quddiemna mhumiex ftit u lanqas żgħar. Għad fadal ħafna setturi li fihom s'issa stajna biss noħolmu x'nistgħu nagħmlu.

Li jagħmlilna kuraġġ huwa l-fatt li, b'mod ġenerali, sibna atteġġjament pożittiv u rieda ta' kollaborazzjoni sinċiera. Insemmu dan il-punt għax spiss nitkellmu dwar kemm tista tkun diffiċli li diversi gruppi jaħdmu flimkien.

Bħala *Board* ta' l-IFP ninnutaw dan l-aspett ta' kollaborazzjoni u ta' apprezzament reċiproku u niżżu ħajr lil dawk kollha li magħhom kellna x-xorti mhux biss noħolmu imma naħdmu u fil-fatt nipproponu mumenti formattivi għall-ġid tal-Knisja u tas-socjetà taghna.

Dan kollu nsemmuh għax nemmnu li dan huwa pass ferm importanti biex nistgħu naqraw sewwa s-sinjali taż-żminijiet u b'hekk infasslu mixja biex nilqgħu l-isfidi li dawn iġibu magħhom.